KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8 – IT-TLIETA, 14 TA' JANNAR 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 8.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

8.1.1 Ġew ippreżentati l-ittri ta' apoloġiji ta' żewġ Kunsillieri. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsillieri jiġu skużati.

## 8.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

8.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (8) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

8.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 8.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

8.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Aġenzija Infrastructure Malta se tibda bil-proġett infrastrutturali fi Triq il-Klin, proposta tal-Kunsill biex intejbu l-infrastruttura tal-imsemmija triq u titjieb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti ta' din il-lokalità. Inżammet on-site meeting bejn l-istakeholders kollha konċernati biex il-partijiet kollha jkunu jafu l-programm tax-xogħol. L-ewwel fażi tal-proġett se tibda fi Triq il-Klin bejn Triq in-Naxxar u Triq Stefano Erardi u ser jibdew bix-xogħol tal-ilma.

Is-Sindku informa li l-Kunsill bagħat notifika lir-residenti u lis-sidien tal-ħwienet tan-negozju dwar ix-xogħlijiet biex ikunu avżati dwar dan il-proġett. Is-Sindku ikkonkluda li se jkun qed isegwi l-proġett matul il-korsa tiegħu bit-tama li ma nerġgħux nesperjenzaw dewmien bla bżonn bħalma għaddejna fil-proġett ta' Triq Stefano Erardi.

## 8.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

8.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-10 ta' Diċembru 2024 u l-11 ta' Jannar 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (10 ta' Dicembru - 31 ta' Dicembru 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 407 | 11/12/2024 | Id-dwal tat-toroq Triq Għargħur u Sqaq Garda mhux jixgħelu | pending | Triq il-Għargħur c/w Sqaq Garda | **ENEMALTA** |
| 408 | 16/12/2024 | Hemm tappiera tad-drenaġġ tħabbat quddiem 107 fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 409 | 14/12/2024 | Talba biex il-mera li hemm mall-ħajt tas-sejjiegħ faċċata tal-Garaxx, 86 Triq San Mikiel tkun ftit għola | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 410 | 18/12/2024 | Talba biex isir dawl red /green fi Triq il-Ħwawar biċċa dejqa kif titla minn Triq iż- Żebbuġa | pending | Triq Hwawar | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 411 | 18/12/2024 | Talba biex isir road patching ta' ħofra fejn stabbiliment tal-ikel rinomat Triq Għargħur | settled | Triq Għargħur | **COUNCIL** |
| 412 | 18/12/2024 | Talba biex forsi jersaq ftit il-parking li hemm fejn 122 Triq G Abos | pending | Tirq G Abos | **COUNCIL** |
| 413 | 19/12/2024 | Quddiem substation tad dawl li hemm fi Triq il-Wied hemm hafna mbarazz. Saret dumping site. | pending | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 414 | 21/12/2024 | Ilment dwar nuqqas ta' dawl u tabelli fi Triq il-Ħwawar int u ġej minn Triq Għargħur, għal xi ħadd ġdid | pending | Triq Ħwawar | **COUNCIL** |
| 415 | 23/12/2024 | Hemm wire imdendel f'nofs ta' triq fi Triq il-Prinjol | pending | Triq il-Prinjol | **MELITA** |
| 416 | 23/12/2024 | Hemm tappiera tad-drenaġġ tħabbat quddiem 61 u 57 fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **IM** |

**COMPLAINTS SHEET (1 January - 11 January 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 02/01/2025 | Hemm cable imdendel mall-ġnien ta' dan ir-resident fi Triq ES Inglott c/w Triq G Pesci | pending | 1, Triq ES Inglott c/w Triq G Pesci | **GO** |
| 2 | 04/01/2025 | Mera miksura fi Triq Għargħur faċċata ta' Sqaq Garda | pending | Triq Għargħur | **COUNCIL** |
| 3 | 06/01/2025 | Talba biex issir tabella "Cats Crossing" fi Triq Żebbuġa għax makkinarju goff telgħin u neżlin bi speed eċċessiv. | pending | Triq iż-Żebbuġa | **COUNCIL** |
| 4 | 07/01/2025 | Qed jittajru ħafna qtates fi Triq iż-Żebbuġa. Hemm bżonn isir xi ħaġa | pending | Triq iż-Żebbuġa | **COUNCIL** |
| 5 | 08/01/2025 | Hemm id-dawl ta' barra ta' parti minn Triq G Abos k/m Triq A M Galea mhux jixgħel | settled | Triq Geronimo Abos | **ENEMALTA** |
| 6 | 08/01/2025 | Bozza mitfija wara ċ-Ċimiterju fil-bidu tat- Telgħa tal-Għaqba | pending | Telgha tal-Għaqba | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | 08/01/2025 | biex tinżabar siġra sporġuta fuq il-bankina fil-bidu tat-Telgħa tal-Għaqba | pending | Telgha tal-Għaqba | **CLEANSING** |
| 8 | 10/01/2025 | Dan ir-resident qed jitlob biex jerġgħu jitwaħħlu t-tabelli fi Triq AM Galea (for garage users only) | pending | Triq AM Galea | **COUNCIL** |
| 9 | 10/01/2025 | Għal darb'oħra qed tilmenta fuq il-manholes ta' Triq il-Wied. Ilha ħafna tirraporta iżda għadhom ma' tranġawx. Qed tistenna li l-Kunsill jieħu azzjoni għax bl-emails mhux qed naslu. | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 10 | 10/01/2025 | Hemm bozza maqtugħa bin-numru L037/28 fi Triq it-Timu | settled | Triq it-Timu | **ENEMALTA** |
| 11 | 11/01/2025 | Stopcock covers miksurin fejn 39 Triq Ċ Bugeja | pending | Triq Ċ Bugeja | **WSC** |

## 8.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

8.5.1 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa dwar is-sitwazzjoni tat-tappieri difettużi li hemm fi Triq Ġeronimo Abos.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li saret spezzjoni fil-jiem li għaddew fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv mal-Engineer min-naħa tal-WSC. Informa li għalkemm l-istat tat-tappieri u d-dawra tagħhom mhiex l-aħjar kundizzjoni, però l-Engineer informa li fl-opinjoni tiegħu mhumiex prijorità komparat ma' tappieri oħra f'lokalitajiet oħra. Però wiegħed li ser jidħlu fil-programm tax-xogħol u jsiru fil-mument opportun.

Is-Sindku Dott Sciberras irrimarka li kien important li min ressaq l-ilmenti dwar l-istat tat-tappieri ninfurmawhom dwar l-eżitu tal-laqgħa li kellu l-Kunsill mal-Engineer min-naħa tal-WSC biex ikunu nfurmati u fl-istess waqt nuru li l-Kunsill baqa jsegwi dan l-ilment.

## 8.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

8.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

8.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillier Mario Fenech.

**(Doc. D anness)**

8.6.3 Imbagħad il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' żabra, *grass cutting* u ġabra ta' materjal goff miż-żona rurali mill-fornitur Charlie Mlfusd għall-prezz ta' Eur1,734 VAT inkluż;
2. Kwotazzjoni għal xiri ta' 7,500 xitla tal-petunia mingħand il-fornitur Silvan Carabott għall-prezz ta' Eur5,752.50c VAT inkluż;

## 8.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

8.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

8.7.2 Ma kienx hemm.

## 8.8 POST MORTEM TAL-FESTI NATALIZJI

8.8.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras qal li kien irċieva kummenti pożittivi dwar l-attivitajiet kollha li organizza l-Kunsill. Il-Meet & Greet li saret għall-ewwel darba fil-ġnien ta' quddiem il-knisja, l-atmosfera kienet waħda sabiħa u ntlaqgħet mill-preżenti.

8.8.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo żiedet mall-kummenti tas-Sindku li l-attivitajiet ġew milqugħa tajjeb mir-residenti b'mod partikolari mill-attività 'Ġej il-Father Christmas'. Il-bidla hi dejjem tajba u temmen li l-Kunsill tejjeb il-prodott.

Dan jixhduh ir-residenti u t-tfal li ħadu sehem fl-attività ta' din is-sena fejn il-Viċi spjegat il-ferħ u l-entużjażmu tat-tfal malli l-personalità ta' Father Christmas jasal bl-islitta wara l-bieb tar-residenti. Hemm stajt nara l-espressjoni tal-uċuh tat-tfal mall-wasla ta' Father Christmas bl-islitta mixgħula bid-dawl festiv u l-akkumpanjament tal-*Christmas carols*, hekk sostniet il-Viċi Sindku. Il-*performance* li saret waqt il-*party* li saret għat-tfal tar-raħal kienet eċċellenti.

8.8.3 Il-Kunsillier Mario Fenech faħħar l-attivitajiet li ġew organizzati u kellu kummenti pożittivi mingħand ir-residenti. Il-Kunsillier Mario Fenech skuża ruħu li ma setax ikun preżenti għall-attività immirata għat-tfal minħabba mpenji ta' safar. Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkunsidra li ninvestu f'aktar tiżjin bid-dawl tal-Milied fi Triq Ġeronimo Abos bħala triq prinċipali fl-Iklin.

Is-Sindku wieġeb li fil-leġiżlatura l-oħra l-Kunsill kien qabel li jiżdiedu t-tappieri fi Triq Ġeronimo Abos biex jidħlu aktar antarjoli li magħhom ikunu jistgħu jiġu stallati Christmas motifs. Il-proġett falla għaliex irriżulta li service provider għandu l-infrastruttura underground u minħabba f'hekk, il-Kunsill ma setax jimplimenta aktar tappieri. L-aħħar possibiltà li jista jaħdem fuqha l-Kunsill hija li ssir skema ta' ventijiet min-naħa sal-oħra tat-triq biex id-dekorazzjonijiet tal-Milied ikunu jistgħu jiddendlu mall-ventijiet suġġett li l-Kunsill jottjeni l-permess mingħand ir-residenti biex isiru l-ventijiet mall-faċċati ta' residenzi privati.

8.8.4 Fl-aħħarnett kien issuġġerit li għal sena oħra l-attività 'Ġej il-Father Christmas' ssir fil-*week-end* biex nilħqu aktar familji.

8.8.5 Is-Sindku Dott Sciberras irringrazzja lill-Kunsill Reġjonali Lvant u lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għall-appoġġ finanzjarju biex il-Kunsill seta jerġa jżejjen it-toroq prinċipali tal-Iklin permezz ta' *Christmas motifs* u festuni fi Triq San Mikiel u Triq Ġeronimo Abos, Pjazza Ninu Cremona u mall-binja tal-knisja Familja Mqaddsa.

8.8.6 Fl-aħħarnett, is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li saret ħsara fin-natività li kienet armata għall-ewwel darba fi *roundabout* fi Triq San Mikiel ma' Triq Ġeronimo Abos meta xi ħadd mhux magħruf prova jisraq jew jikkawża ħsara fuq oġġetti proprjetà tal-Kunsill.

Il-Kunsill ikkundanna dan l-aġir u kull forma ta' serq u vandaliżmu għax il-Kunsill iwettaq proġetti b'fondi pubbliċi u għall-ġid komuni.

## 8.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN – DIĊ 2024

8.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta rapport finanzjarju dettaljat li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2024.

8.9.2 L-Accountant ta spjegazzjoni fid-dettal tal-Quarterly Financial Report li jkun jinkludi overview & summary, statement of income and expenditure, statement of Financial Position, Cash flow statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of Plant, Property & Equipment.

8.9.3 L-Accountant ta rendikont dettaljat tad-dħul u l-ħruġ. Id-dħul kien ta' Eur412,930 filwaqt li l-ħruġ kien ta' Eur440,012. Id-deprezzament kien ta' Eur67,352. B'riżultat ta' dan, il-Kunsill kien ser jagħlaq b'defiċit ta' (Eur27,082). L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2024 kienet ta' Eur346,933. Dħul mill-permessi kien ta' Eur19,651, dħul mill-LES kien ta' Eur2,279 filwaqt li dħul ieħor mill-attivitajiet komunitarji kien ta' Eur10,521. Is-salarji laħqu Eur118,282 filwaqt li l-ispejjeż 'Operations& Maintenance' telgħu għal Eur202,651. L-ispejjeż amministrattivi laħqu t-total ta' Eur51,727.

8.9.4 L-Accountant ikkonkluda r-rapport billi qal li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill tibqa waħda b'saħħitha kif jixhed l-Financial Situation Indicator ta' 50%.

8.9.5 Wara diskussjoni li żvolġiet dwar ir-raġuni ta' defiċit għal sena oħra kien proprju minħabba d-deprezzament l-aktar fuq il-proġett tal-playing field però l-Kunsill qed jaderixxi ma' Direttiva 1/2017 li tgħid 'Property, plant and equipment is stated at cost less accumulated depreciation and impairment loss to date. As from 1 January 2018 depreciation was changed from the reducing balance method to the straight line method, after the Local Council adopted Directive 1/2017 issued by the Department of Local Government. Depreciation is calculated at rates to write off the cost less residual value of each asset over its expected useful life as follows: Playground furniture 100%

8.9.6 Is-Sindku Dott Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

8.9.7 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidraw u japprovaw l-Quarterly Financial Report Jan – Dec 2024.

8.9.8 Il-Kunsill approva nem con.

**(Ara dok E)**

## 8.10 ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2025

8.10.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025.

8.10.2 Bi preparazzjoni għall-estimi finanzjarji 2025, is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-allokazzjoni lill-preżenti kif jidher hawn taħt:

Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parks u Ġonna – Eur3,891
Manutenzjoni tat-Toroq – Eur54,331
Tiswija u manutenzjoni ta' toroq mhux urbani – Eur13,010
Knis ta' Toroq Urbani – Eur36,750
Tindif ta' toroq mhux urbani – Eur5,782
Immaniġġjar tal-iskart – Eur57,835
Spejjeż ta' amministrazzjoni – Eur137,258

L-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali L-Iklin għas-sena 2025 ser tkun ta' Eur308,857.

8.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fis-seduta li jmiss tal-Kunsill ser jiġi ppreżentat l-estimi finanzjarji tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

## 8.11 PERFORMANCE BONUS APPRAISAL TAL-IMPJEGATI 2024

8.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' rakkomandazzjoni flimkien mal-*Appraisal Report* tal-impjegati għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

8.11.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-*Appraisal Report* tal-Assistentl Uffiċċjal Prinċipali u cioè l-massimu ta' 6%.

8.11.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. Ġ)**

## 8.12 APPRAISAL REPORT U L-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV GĦAS-SENA 2024

8.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq l-Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

8.12.2 Is-Sindku Dott. Sciberras faħħar ix-xogħol li wettaq is-Segretarju Eżekuttiv matul is-sena 2024 u ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv.

8.12.3 Il-Kunsill approva unanimament il-massimu u cioè10%. Il-performance assessment form ser tkun qed timtela mis-Sindku Dott. Sciberras biex tiġi sottomessa lid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali biex jitkompla l-proċess.

8.12.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri tal-fiduċja sħiħa tagħhom.

## 8.13 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' INCREMENT TAL-IMPJEGATA FIL-GRAD TA' ASSISTENT UFFIĊĊJAL PRINĊIPAL

8.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Memo dwar l-impjegata li tinsab fl-ewwel notch tal-iskala 11 bħala Assistent Uffiċċjal Prinċipali.

8.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill kienet motivata mir-responsabbiltà u l-kontabilità li tassumi l-impjegata fil-qadi tad-dmirijiet tax-xogħol tagħha. Il-fatt li l-Assistent Uffiċċjal Prinċipali kellha performance tajba matul dawn l-aħħar snin u fejn dejjem kisbet il-massimu tal-*performance bonus appraisal*, l-impjegata jimmerita li titla żewġ notches fl-iskala 11. Din ir-rakkomandazzjoni qed isir ukoll in linja mar-Regolamenti tar-Riżorsi Umani fejn isemmi li kull impjegat li ma jkunx fil-massimu tal-iskala tas-salarju li fiha jkun ġie impjegat ikun intitolat għal increment kull sena f'dik l-iskala, u dan sakemm jintlaħaq il-massimu ta' dik l-iskala; (b)L-increment jinqasam f'partijiet indaqs fuq perijodu ta' erba' snin meta l-impjegat jiġi ingaġġat fil-minimutal-iskala;

(ċ)L-increment jingħata b'effett mill-ewwel xahar li fih ikun sar l-impjieg, u dan l-increment għandu jingħata biss bl-approvazzjoni tal-Kunsill wara li tiġi evalwata l-ħidma tal-impjegat.

## 8.14 KONFERMA TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

8.14.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-lokalità li nżammet f'Diċembru u ttieħdu bħala moqrija.

8.14.2 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

8.14.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 8.15 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

8.15.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 13 ta' Frar 2025 fil-5.30 pm.

8.15.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Frar 2025 fil-5.30 pm.

8.15.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.40 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv